2024/1691

13.6.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2024/1691

tal-11 ta' Ġunju 2024

dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għas-sigurtà marittima fil-Punent tal-Oċean Indjan u fil-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ATALANTA) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2024/570 (ATALANTA/2/2024)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/851/PESK tal-10 ta' Novembru 2008 dwar operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għas-sigurtà marittima fil-Punent tal-Oċean Indjan u fil-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ATALANTA) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tagħha,

Billi:

(1) Fl-10 ta' Novembru 2008, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK., li tipprevedi operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għas-sigurtà marittima fil-Punent tal-Oċean Indjan u fil-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ATALANTA).

(2) Skont l-Artikolu 6(1) tal-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) sabiex jieħu deċiżjonijiet dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għal EUNAVFOR ATALANTA.

(3) Fis-6 ta' Frar 2024, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/570 ([2]), li ħatret lill-Kontrammirall Francesco SALADINO bħala l-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-EUNAVFOR ATALANTA mill-11 ta' Frar 2024.

(4) Fit-18 ta' April 2024, l-awtoritajiet militari Spanjoli pproponew il-ħatra tal-Kontrammirall Manuel ALVARGONZÁLEZ MÉNDEZ biex jieħu post il-Kontrammirall Francesco SALADINO bħala l-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-EUNAVFOR ATALANTA (il-"ħatra proposta") mill-20 ta' Ġunju 2024.

(5) Fid-29 ta' April 2024, il-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE ta' EUNAVFOR ATALANTA appoġġa l-ħatra proposta.

(6) Fis-7 ta' Mejju 2024, il-Kumitat Militari tal-UE appoġġa l-ħatra proposta u qabel li l-Kontrammirall Manuel ALVARGONZÁLEZ MÉNDEZ jinħatar bħala Kmandant tal-Forza tal-UE għall-EUNAVFOR ATALANTA mill-20 ta' Ġunju 2024.

(7) Jenħtieġ li tittieħed deċiżjoni dwar il-ħatra tal-Kontrammirall Manuel ALVARGONZÁLEZ MÉNDEZ bħala Kmandant tal-Forza tal-UE għall-EUNAVFOR ATALANTA.

(8) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2024/570 titħassar,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kontrammirall Manuel ALVARGONZÁLEZ MÉNDEZ huwa b'dan maħtur bħala Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għas-sigurtà marittima fil-Punent tal-Oċean Indjan u fil-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ATALANTA) mill-20 ta' Ġunju 2024.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni (PESK) 2024/570 hija b'dan imħassra.

([1]) ĠU L 301, 12.11.2008, p. 33.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2024/570 tas-6 ta' Frar 2024 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għas-sigurtà marittima fil-Punent tal-Oċean Indjan u fil-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ATALANTA), u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2023/2730 (EUNAVFOR ATALANTA/1/2024) (ĠU L, 2024/570, 9.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/570/oj).

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-20 ta' Ġunju 2024.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Ġunju 2024.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President

D. PRONK